MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2007

Numru 188/2003

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino)
vs
Richmond Tong, iben Raymond, imwieled Pieta' fil-31 ta' awissu, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli minn ġewwa l-'Splash and Fun Complex', Baħar iċ-Ċagħaq, fil-lejl ta' bejn it-18 u id-19 ta' mejju, 2002 ikkometta serq ta' diversi oġġetti, fosthom tlett iguanas, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin, bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-mitt lira maltin (Lm100) iżda mhux l-elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu tad-diriġenti ta' l-istess kumpless;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra

minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' novembru, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta' serq miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 271 u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, l-eta' ta' l-imputat, li kien minuri meta sar ir-reat u l-ammissjoni tiegħu. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------